**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 22 ta' April 2022**

**<u>Rikors nru : 160/2022 AGV fl-ismijiet;</u>**

**M P J T**

**vs**

**MLT**

Il-Qorti ;

Rat ir-Rikors ta' M P P J T detentur tal-karta tal-identita' numru 26584M, datat 22 ta' Marzu 2022;

Jesponi bir-rispett:

1. Illi huwa żżewweġ lill-intimata nhar it-22 ta’ Diċembru 1988 fil-Knisja Parrokjali tal- Kunċizzjoni l-Hamrun, ċertifikat taż-żwieġ anness u mmarkat bħala Dok. A;

2. Illi huwa ssepara legalment minn mal-intimata permezz ta’ kuntratt bonarju ta’ separazzjoni datat 18 ta’ Mejju 2021, fl-atti tan-Nutar Dottor Luke Caruana, kopja tal-istess anness u mmarkat bħala Dok. B;

3. Illi l-konjugi B ilhom de facto separati minn Settembru tas-sena 2016 u għalhekk ferm oltre l-erba (4) snin rikjesti mil-liġi;

4. Illi ulied il-partijiet huma lkoll maġġuri u l-ebda manteniment m’hu dovut;

5. Illi l-partijiet m’għandhom ebda pendenza ta’ manteniment bejniethom ieħor stante skont il-kuntratt tas-separazzjoni huma ddekadew reċiprokament mid-dritt li jirċievu manteniment mingħand xulxin;

6. Illi l-partijiet ma hemmx lok li jerġgħu jirrikonċiljaw u llum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

7. Illi l-mittenti jixtieq jottjeni d-divorzju jew ħall taż-żwieġ, u dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

**Għaldaqstant, in vista tas-suespost din l-Onorabbli Qorti qiegħda tiġi umilment mitluba sabiex:-**

1. Tippronunzja d-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

**Il-Qorti ;**

Rat ir-risposta ta' MLT

Tesponi bir-rispett:

1. Illi l-esponenta taqbel mal-fatti esposti mir-rikorrent fir-rikors tiegħu tat-22 ta' Marzu 2022. Il Kontendi infirdu personalment permezz ta' att pubbliku datat 18 ta' Mejju 2021, fl-atti tan- Nutar Dottor Luke Caruana kif ukoll de facto sa min Settembru tas-sena 2016 u ma hemm l-ebda prospett raġjonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejniethom, u kif premess mir-rikorrent stess kull jedd għall-manteniment ġie debitament rinunzjat kif ukoll ma hemm l-ebda manteniment pendenti stante li skond il-kuntratt ta' separazzjoni huma ddekadew reċiprokament mid dritt li jirċievu manteniment mingħand xulxin.

2. Tenut kont ta' dan u tenut  u tenut ukoll kont tad-dispost tal- Artikoli 66B, 66C, u 66 D (2) tal- Kap 16 tal- Ligijiet ta' Malta l-istanti taqbel mal-pronunzjuament tad-divorzju ossia l- hall taż-żwieg, bejn il-kontendenti ċelebrat fi 22 ta' Diċembru 1988, dan purche' li jibqghu immutati d-drittijiet kollha naxxenti mill- att pubbliku datat 18 ta' Mejju 2021 in atti tan-Nutar Dottor Luke Caruana.

3. In vista tal-premess, u partikolarment in vista l-fatt illi kien ir-rikorrent illi għażel li jipproċedi f' din l-istanza, hija ma għanda tbati ebda spejjez ġudizzjarji relattivi għall- proċeduri odjerni.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**